MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2009/1

**James Grima**

**vs**

**Noel Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Marzu, 2009, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti lodo fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra l-*Istatement of Claim* prezentat mir-rikorrent illi permezz tieghu huwa talab illi l-intimat Noel Buhagiar jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq Hamet, Xaghra, Ghawdex fis-7 t'Ottubru, 2006 bejn il-vettura Reg. Nru. DAD-165, proprjeta` ta' u

misjuqa mir-rikorrent, u l-vettura Reg. Nru. GBC-535 misjuqa mill-istess intimat, u jigi kundannat li jhallsu is-somma ta' tlett elef, mija u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (EUR3,152.34) (ekwivalenti ghal elf, tliet mija u hamsa u tletin lira Maltija u tletin centezmu) flimkien ma' l-ispejjez kollha ta' l-Arbitragg.

Ra li l-intimat ikkontesta r-responsabilita' ghal dan l-incident permezz tal-konsulent legali tieghu.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent, ta' l-intimat u ta' Warden G248 David Vella illi ghandu jigi rakkomandat ghall-mod ineccepibbli li bih investiga dan l-incident.

Zamm access fuq il-post fejn, fil-prezenza taz-zewg konsulenti legali rispettivi, rega' sema' l-verzjonijiet taz-zewg nahat u rega' sema' wkoll lil Warden G248 David Vella filwaqt li ttiehed il-kejl relattiv ghall-iskizz fuq il-post sabiex l-Arbitru jkollu stampa izjed cara u viziva ta' l-akkadut.

Sema' t-trattazzjonijiet orali ta' l-abbli difensuri taz-zewg partijiet.

Ikkunsidra -

Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-7 t'Ottubru, 2006 fl Triq Hamet fil-limiti tax-Xaghra, it-triq principali li taghti ghax-Xaghra fil-punt taghha qabel taqbad sewwa t-telgha lejn ix-Xaghra, Ghawdex.

Iz-zewg partijiet taw zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin.

Ir-rikorrent **James Grima** xehed dan li gej dwar kif sehh l-incident -

*"Dakinhar ta' l-incident kont qed insuq Mitsubishi Pajero Reg Nos. DAD 165. Kont niezel in-nizla*

*minn tal-Qacca (it-triq principali li mix-Xaghra tiehu lejn ir-Rabat), ghaddej fuq is-side tieghi. Kont miexi wara truck. Ma kontx ghaddej bi 'speed' gholi. Il-karozza ta' l-intimat Toyota Starlet GT Reg. Nos. GBC 535 kienet qed tinstaq fuq il-karreggjata hazina tat-triq ghaliex l-intimat u siehbu kienu qed itellqu b' zewg karozzi. Il-karozza ta' siehbu kienet ta' l-istess ghamla. Siehbu huwa Marvic Galea. It-truck li kien ghaddej quddiemi gibed 'il gewwa u rnexxielu jiskapola lill-intimat. Jiena ghamilt l-istess pero' ma rnexxiliex niskapulah. Il-habta saret bil-bumper ta' quddiem tal-karozza tieghu min-naha tax-xufier mal-vettura ta' l-intimat mal-bieba tax-xufier lura. Jista' jkun ukoll li mill-mudguard lura.*

*Fit-triq hemm 'double line' fin-nofs li pero' fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident huwa maqtugh. L-intimat gie fuq il-karreggjata tieghi u qabel id-double-white line line tan-nofs. Il-brake marks tieghi fihom 6.7m u dawk ta' l-intimat fihom 15.2m. anzi dawn huma 'skid marks'. Mad-daqqa l-vettura ta' l-intimat daret. Ma nafx ezattament lil fejn. Wara l-accident peress illi l-karozza ta' l-intimat kienet fin-nofs hu pprova jcaqlaqha pero' l-karozza ma setghetx ticcaqlaq.*

*Il-vetturi ma ccaqalqux sakemm gew il-wardens u jiena qed nikkonferma l-iskizz. Nikkonferma wkoll il-verzjoni li jiena tajt lill-Wardens kif riportata fir-Road Accident Report.*

*Wara l-habta jien u l-intimat tkellimna u hu qalli li kont hrigtlu minn fuq l-istop sign (li qieghda ferm 'il boghod) pero' dan mhux minnu ghaliex jien kont gej mit-triq id-dritta u ma hrigtx minn fuq l-'istop' li qed immarkata bl-ittra 'X' fuq l-isketch.*

*Kemm jien u kif ukoll hu konna wahedna fil-karozza u ma kellniex passiggieri. Siehbu Marvic Galea baqa' sejjer u ma waqafx pero' izjed tard hu u hbieb ohra ta' l-intimat gew fuq il-post.*

*Lil Marvic Galea u shabu l-ohra jien ma kellimthomx anzi nghid li miksur minn maghhom. Jien u l-intimat it-tnejn mix-Xaghra.*

*L-ewwel darba li rajt lill-intimat dan kien tul ta' zewg karozzi 'l boghod minni. Jiena, bin-nuccalijiet u ma narax daqshekk fit-tul. Ma kontx liebes in-nuccali dakinhar ta' l-incident anzi kont liebes nuccali tax-xemx bil-vista dak il-hin. Tat-truck ta' quddiemi baqa' sejjer ukoll. Il-hsarat li rajt dak il-hin hu dak li hemm miktub fl-RAM.*

*L-ispot of impact fejn kien hemm il-hgieg u debris ma' l-art hu mmarkat bl-ittra 'J" fuq l-isketch. Dan kienu fil-karregjata tieghi.*

Ghad-domandi li sarulu in kontro-ezami, ir-rikorrent James Grima wiegeb kif gej -

*It-truck li kien hemm quddiemi ma nafx xi truck kien u ta' min kien. Kien truck pick up zghir. Kien madwar 5-7 metri quddiemi, tul ta' karozza. Kien bajdani.*

*X' hin rajt iz-zewg karozzi kienu qeghdin qrib tieghi hafna u nghid li kienu ghaddejin b' izjed minn 60 kilometru fis-siegha zgur. Karozza tieqaf fi 12-il pied jekk tkun ghaddejja b' 60km/hr.*

*Ma nafa jekk l-intimat ghafasx il-brake qabel l-incident. Ma smajtx hoss ta' brake qed jinghafas. Nikkalkula li ta' l-anqas l-intimat u siehbu kienu ghaddejin b' 1OOkm/hr.*

*Marvic Galea baqa' sejjer pero' mbaghad gie lura ma' xi hbieb ohra.*

*Id-daqqa tar-rikorrent kienet fil-mudguard ta' wara tan-naha tax-xufler u fil-fatt bramtlu l-axle tar-rota ta' wara.*

*Nikkonferma l-ispot of impact kif indikat fl-iskizz.*

*Nghid li gharaft lil Marvic Galea ghalkemm ma waqafx ghax dejjem kienu jkunu flimkien, it-tnejn mix-Xaghra u ghandhom l-istess karozza.*

*Kont ili miexi wara t-truck fis-sens li forsi lhaqtu fl-ahhar liwja iktar 'il fuq.*

*Mistoqsi kif nispjega li t-truck li kont ili miexi warajh ftit metri kien quddiemi, m' gharaftux u vettura gejja skond int iktar minn 100 km/hr gharaftu - jiena inwiegeb li nahseb li kien Marvic Galea pero' m 'hinix cert mija fil-mija.*

Mistoqsi in ri-ezami, ir-rikorrent qal li hu ma kellimx ma' Marvic Galea wara li gie fuq il-post ta' l-incident.

Min-naha tieghu l-intimat **Noel Buhagiar** xehed dan li gej dwar kif sehh l-incident -

*"Dakinhar ta' l-incident u cioe' fis-7 t'Ottubru, 2006 jien kont qed insuq il-vettura tal-ghamla 'Toyota' Reg. No. GBC - 535 sejjer mir-Rabat fid-direzjoni tax-Xaghra. Kont wahdi fil-vettura.*

*Kont qbadt nkiser lejn il-lemin tieghi biex naqbad it-triq tat-Tafla li twasslek ix-Xaghra. Kont ghaddej b'60 kilometru s-siegha, bejn wiehed u iehor. Traffiku quddiemi ma kienx hemm. Il-hin kien ghall-habta tat-8:15 pm u ghalhekk kien dalam kompletament u t-triq hija mdawla u cioe' fiha l-arbli bil-bozoz u dan, fejn naf jien minn dakinhar 'l hawn danni la zdiedu u lanqas naqsu.*

*It-triq li kont qed insuq fiha hija two-lane fis-sens li hemm karregjata f'kull direzjoni b' central double line fin-nofs maqtuh it-triq kollha. It-triq hija pjuttost wiesa' u joqghodu zewg vetturi hdejn xulxin kull direzjoni. Pero' ma hemmx linja fin-nofs biex tindika li hija two-lane fuq kull karreggjata.*

*Kif kont qed nkiser biex nidhol fi Triq it-Tafla, il-vettura DAD - 165 harget minn go Triq il-Tafla u dahal bil-quddiem tieghu gol-gemb tal-vettura tieghu tan-naha tax-xufier. Bid-daqqa l-karozza tieghi daret u giet thares lejn l-ghalqa. Nghid illi dort kwart ta' dawra kontra l-arlogg.*

*Nghid illi hu laqatli bil-mudguard ta' wara lura u wehel mar-rota u ma' dik id-daqqa l-karozza tieghi daret kif ghadni kif spjegajt.*

*Jiena ppruvajt incaqlaq il-karozza tieghi peress li kienet fin-nofs imma l-karozza ma ccaqalqitx ghax ir-rota ta' wara tan-naha tax-xufier tqacctet mill-axle.*

*Ghalhekk sakemm gew il-wardens nikkonferma li z-zewg vetturi ma ccaqalqux. Nikkonferma ukoll il-verzjoni li jiena tajt lill-wardens. Anzi nghid li jiena bqajt gol-karozza u ghalhekk ma nafx jekk il-karozza l-ohra ccaqalqitx jew le. Pero' nikkonferma li l-vettura DAD - 165 minn fuq il-post giet "towed away " u mhux telqet "on its own steam ". Anke l-vettura tieghi giet ittowjata. Nikkonferma wkoll li naqbel mal-isketch preparat mill-wardens tar-Road Accident Report. Konna domna hafna fuq il-post sakemm il-wardens lestew xoghlhom.*

Ghad-domandi li sarulu in kontro-ezami, l-intimat Noel Buhagiar wiegeb kif gej -

*"It-temp kien normali u ma kinitx xita. Id-dwal ta’ l-arbli kienu mixghula. Jien kellu vizwali mhux ostakolata u traffiku quddiemi ma kienx hemm. Jiena kont diehel fi Triq it-Tafla minn fejn nghid illi hareg ir-rikorrent James Grima. Jien u diehel fi Triq it-Tafla ma waqaftx pero' naqqast l-ispeed u x'hin rajt li ma kien gej hadd gbidt lejn Triq it-Tafla. Jiena nghid illi fil-mument tal-habta l-vettura tieghi*

*kienet kif se tigi indikata fuq Dok 'CC1' bil-lewn ahmar.*

*Il-hsarat tieghi huma fil-punt 'X' indikati fuq il-karozza mpengija 'roughly 'fuq Dok 'CC1' lura. Mill-vettura tieghi waqa' xi plastic fil-mument tal-habta.*

*Il-hsarat ta' DAD -165 ma kellux fil-body pero' kelli l-hsara fil-bumper tan-naha tax-xufier.*

*Ma niftakarx fejn kont qabel ma hbatt pero' nghid li kont ghadni sejjer ninhasel id-dar.*

*Nichad li jiena kont qed intellaq ma' Marvic Galea kif allega r-rikorrent James Grima fix-xhieda tieghu. Marvic Galea waqaf ezatt kif hbatna u waqaf hdejja. Marvic ghandu karozza Toyota Starlet bhal tieghi pero' izjed moderna. Nichad li jiena armajt ghall-giri anzi baqghet kif harget mill-fabbrika hlief ghar-rimmijiet.*

*Qabel ksirt lejn Triq it-Tafla harist 'il faccata tieghi biex nara jekk hux gejjin karozzi u jiena bdejt nkiser lejn Triq it-Tafla kif rajt li karozzi ma kienux gejjin.*

*Mistoqsi nispjega kif il-vettura tar-rikorrent baqghet dritta meta jien qed nghid li harget minn go Triq it-Tafli nghid illi bilfors tibqa' dritta ghax hareg minn go Triq it-Tafla ghal gol-karregjata tieghu. Id-daqqa kienet wahda pjuttost kbira, mhux zghira zgur".*

**<u>Warden G248 David Vella</u>** xehed kif gej -

*"Jien nikkonferma li ghamilt ir-Road Accident Report relattiv ghall-accident mertu ta' dan l-arbitragg - Report Nr. 38032. Nikkonferma wkoll li l-warden l-iehor, G67 Paul Attard kien ha huwa r-ritratti pero' l-investigazzjoni u r-rapport ghamiltu jiena. L-incident sehh fit-8:15pm u ahna wasalna 8:35pm u ghalhekk kien lahaq dalam ".*

Warden G248 ezebixxa erba' ritratti li gew immarkati Doks DV 1 - DV 4 u spjega l-istess ritratti kif gej -

*"Dok DV 1 turi l-vettura Pajero Reg. No DAD - 165 u jidher c-central broken lines f' nofs it-triq. Il-vettura DAD - 165 qeghda thares fid-direzjoni tar-Rabat.*

*Dok DV 2 juri r-rota tal-karozza fejn qed tigi mmarkata b' cirku u din hija l-vettura GBC - 538 li qed thares fid-direzjoni tal-ghalqa perpendular ghall-vettura DAD - 165 kif indikat fl-iskizz.*

*Dok DV 3 turi l-istess haga pero' r-ritratt huwa mehud minn naha l-ohra. Dok DV 4 huwa l-istess bhal dok DV 2 pero' mehud izjed mill-qrib ".*

L-imsemmi Warden ikkonferma l-verzjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa kif ripurtati fl-RAR u kkonferma wkoll illi "iz-zewg sewwieqa qaluli li sakemm wasalna ahna il-vetturi ma ccaqalqux u ma ntmess xejn minn fuq il-post. Jien iddeterminajt ukoll l-ispot of impact mmarkata bl-ittra 'j'. L-ispot of impact gie determinat mid-'debris' li kien hemm fit-triq".

Illi minn din ix-xhieda jirrizulta bic-car li z-zewg partijiet taw zewg verzjonijiet li huma kompletament differenti u diskordanti ma' xulxin - filwaqt li r-rikorrent James Grima qal li hu kien qed isuq fit-triq principali - in-nizla tal-Qacca - l-intimat Noel Buhagiar qal li Grima kien hareg minn Triq it-Tafla.

L-Aribtru jistqarr li ghad-determinazzjoni ta' dan l-arbitragg kien ta' importanza fundamentali l-access mizmum *on site* fil-prezenza tal-partijiet u l-istess *warden* illi kien hejja b'tant reqqa r-Road Accident Report, kif ukoll ix-xoghol ta' kejl li rega' sar waqt l-istess access.

Minn dak kollu li seta' jiddetermina l-Arbitru fil-kors ta’ l-istess access, il-verzjoni moghtija mir-rikorrent James Grima ma tistax titqies wahda attendibbli. Grima qal li hu kien niezel in-nizla tal-Qacca, u cioe' li kien qed isuq fit-triq principali, fuq in-naha tieghu tat-triq, meta minn faccata fegg b'velocita' kbira l-intimat Noel Buhagiar li skond hu kien qed itellaq ma' habib tieghu u dan baqa' diehel go fih peress li kien qed isuq fil-kareggjata hazina tat-triq. Qal li hu pprova jiskapulah izda ma renxxilux.

Il-verzjoni moghtija mir-rikorrent James Grima tirrizulta inverosimili ghal zewg ragunijiet.

Fl-ewwel lok il-*warden* li verament ghandu jigi kommandat ghax-xoghol bir-reqqa u diligenti li huwa ghamel, irnexxielu jistabilixxi l-*ispot of impact,* liema *spot of impact* kienet kwazi fin-nofs tat-triq. L-istess rikorrent Grima fix-xhieda tieghu qal li huwa jaqbel li l-*ispot of impact* kienet fejn indikat mill-gwardjan lokali. Kieku l-intimat verament kien qed isuq fil-kareggjata hazina, u cioe' fil-kareggjata ta' Grima, l-*ispot of impact* kienet tkun lejn nofs il-kareggjata ta' Grima u mhux f’nofs it-triq, di piu meta Grima xehed li hu pprova jiskapula lil Buhagiar u allura prezumibilment kiser l-*isteering* lejn il-lemin, u cioe' lejn il-hajt u fid-direzjoni opposta minn fejn kienet prezumibilment gejja l-vettura ta' Buhagiar. Dan mhuwiex il-kaz u meta sar il-kejl fuq il-post biex gie stabbilit fejn kien l-*ispot of impact* mill-ewwel deher evidenti ghall-Arbitru li l-verzjoni tar-rikorrent Grima kienet inverosimili u inattendibbli.

Fit-tieni lok wiehed irid jara fejn kienu l-hsarat fiz-zewg vetturi. Il-hsarat fil-vettura ta' Grima kienu fuq quddiem tal-vettura, in-naha tad-*driver* filwaqt li l-hsarat fil-vettura ta' Buhagiar kienu mill-*mudguard* ta' wara lura tan-naha tal-lemin, u allura huwa evidenti li ma setax ikun li kien Buhagiar li dahal go Grima izda vice versa.

> Il-hsarat fiz-zewg vetturi u l-*ispot of impact* jissufragjaw il-verzjoni ta’ l-intimat Buhagiar li r-rikorrent Grima kien gej u baqa' hiereg minn go Triq it-Tafla u mhux bil-kontra kif tenna Grima.
>
> Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jaqta' u jiddeciedi dan l-Arbitragg billi jichad it-talbiet tar-rikorent bl-ispejjez kollha kontra tieghu.”

Ir-rikorrenti James Grima appella minn dan il-lodo ta’ l-Arbitru biex jikkontestalu r-ragonament apprezzattiv in mertu ghad-dinamika ta’ l-incident awtomobilistiku. Minn naha tieghu l-intimat Noel Buhagiar jikkontrastalu l-ammissibilita` ta’ l-appell bis-sottomissjoni duplici illi:-

i. ma jezisti ebda punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni arbitrali (Artiklu 70A, Kapitolu 387);
u ii. l-istess appellanti naqas milli jidentifika l-punt ta’ ligi li fuqu kellha tittiehed decizjoni u lanqas ma specifika t-tifsira illi jidhrilu li hija dik korretta (Artikolu 70B, Kapitolu 387);

Hu utli li jigi mfakkar in linea preliminari illi skond it-termini precizi ta’ l-Artikolu 70A tal-Kapitolu 387 ghal liema jalludi l-appellat fit-twegiba ta’ l-appell tieghu, u kif ahjar supplimentat bis-subinciz (3) tieghu, ghall-ammissibilita` ta’ l-appell mid-decizjoni ta’ l-Arbitru l-aggravju jrid ikun fuq “punt ta’ ligi li jitnissel minn decizjoni finali”. Mill-mod kif koncepit, il-precitat artikolu tal-Kapitolu 387 japprossima dak tar-redazzjoni ta’ l-Artikolu 15 (2) ta’ l-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp. Li jfisser, mill-punto di vista pratiku-kazistiku illi “il-Qorti tista’ tirrevedi biss kwestjonijiet dwar punt ta’ dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appell fuq kwestjonijiet ta’ fatt, fuq kwestjoni ta’ apprezzament ta’ provi. M’hemmx dritt lanqas fuq punti ta’ ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata ... Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwestjoni trid tkun necessarjament dwar kwestjoni ta’ dritt li tkun qamet

kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata (ara “**Emanuel Mifsud -vs- Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp**”, Appell, 31 ta’ Mejju, 1996, “**Zaren Camilleri -vs- L-Awtorita` ta’ L-Ippjanar”**, Appell, 28 ta’ Frar, 1997 u “**Charles Farrugia -vs- l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar**”, Appell, 20 ta’ Marzu 1998, fost ohrajn”. Din is-silta appena riprodotta hi mehuda mis-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Mejju, 2008 fl-ismijiet “**Aluserv Limited -vs- Awtorita` Marittima ta’ Malta**”;

Maghmula din il-preliminari, ghandu jinghad illi kwestjoni bhal din devoluta bl-appell odjern taht l-Att dwar l-Arbitragg, u ko-involgenti materja ta’ incidenti stradali giet bosta drabi affrontata minn din il-Qorti kif presjeduta. Ghall-ahjar illustrazzjoni l-Qorti tirreferi, *inter alia*, ghad-decizjonijiet fl-ismijiet “**Stanley Spiteri -vs- Eileen Busuttil**”, 4 ta’ Ottubru, 2006; “**Mary Anne Scicluna -vs- Dr. Daniela Chetcuti**”, 14 ta’ Marzu, 2007; “**Martin Borg -vs- Neville Schembri**”, 3 ta’ Ottubru, 2007; “**Carmel Schembri -vs- Raymond Cassar**”, 20 ta’ Frar, 2008 u “**Fogg Insurance Agencies Ltd *nomine* -vs- Stephen Formosa**”, 9 ta’ Mejju, 2008;

Il-konsiderazzjonijiet principali ravvizati f’dawn is-sentenzi huma bejn wiehed u iehor is-segwenti:-

(1) L-appellanti ma jistax jippretendi bhala punt ta’ ligi illi saret valutazzjoni zbaljata tar-rizultanzi probatorji bir-rikorrenza li jaghmel ghal certi provi bl-iskop unikament li jissostitwixxi ghas-sintesi tal-fatti mill-Artbitru ir-ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-provi u b’hekk jikkontrapponi ghar-*ratio decidendi* l-valutazzjoni proprja. Dan ghaliex din il-Qorti ta’ revizjoni tista’ biss u utilment tigi sollecitata in mertu ghal punt ta’ ligi;

(2) Barra minn hekk, l-appellanti li jrid jattakka l-lodo ta’ Arbitru hu tenut jidentifika l-punt ta’ ligi li jassumi li gie vjolat. Huwa ma jistax jillimita ruhu ghal rikjam generiku izda ghandu jispecifika fil-konkret il-ligi jew ir-

regolament stradali, u l-mod kif l-Arbitru ddiskosta ruhu minnhom. Is-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli mhix bizzejjed u lanqas il-prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa ghaliex dan ma jkunx hlief talba ghall-accertament *ex novo* tal-fatti li wasslu ghall-incident u dan mhux legittimu li jsir jew jigi accettat;

(3) Dan premess, hu mistenni li fil-fazi *rescindente* tal-gudizzju, l-ezami minn din il-Qorti ghandu jkun wiehed limitat ghall-accertament dwar jekk l-appellanti ottemperax ruhu mad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi – Artikoli 70A u 70B – u, in partikolari, ghall-verfiika dwar jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellant tikkorrispondix fedelment ghalihom;

Replikati s-succitati konsiderazzjonijiet, issa fl-appell prezenti l-appellant jippretendi illi l-aggravji tieghu huma bazati fuq ragunijiet legali. Fil-verita, meta wiehed jaghsar il-lanjanzi tieghu hemm kollox hlief punti ta' ligi. Essenzjalment, dawn huma artikolati fuq kontestazzjoni tal-valutazzjoni tal-provi, senjatament in mertu (i) ghall-i*spot of impact*, u (ii) il-*proper look-out*. Veru li huwa jinsinwa illi l-Arbitru ma apprezzax b'mod sufficjenti r-regolamenti stradali pero`, imbaghad, minn imkien fir-rikors ta' l-appell ma jispecifika liema huma dawn ir-regolamenti. Wisq anqas, ma jindividwa liema hu l-punt ta' ligi li kien messu gie applikat u li jipprovdi t-tifsira korretta tieghu. Is-sottomissjonijiet tieghu jirrigwardaw il-fatti u l-interpretazzjoni tieghu dwar dawn il-fatti li fl-ebda waqt ma tirrizolvi ruhha f'punt ta' ligi. Hi allura l-konkluzjoni tal-Qorti illi l-argomenti kollha ta' l-appellanti ma humiex hlief pretest biex jintroduci kwestjoni ta' ligi fejn din ma tezistix. F'dawn ic-cirkostanzi l-pregudizzjali mqanqla mill-appellat ta' l-inammissibilita` ta' l-appell hi gustifikata u ser tigi akkolta.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed takkolji l-eccezzjoni ta' l-inammissibilita` ta' l-appell sottomessa mill-appellat u konsegwentement tichad l-appell, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------